**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 10 ta` Dicembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Leeroy Balzan Engerer)**

**Vs**

**CHRISTIAN CUCCU**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Christian Cuccu** detentur tal-permess tar-residenza bin-numru: **144209A**, fejn gie akkuzat :

1. talli nhar it-tletin (30) ta' Marzu tas-sena 2020, bejn is-sebgha u nofs u t-tmienja ta' filghaxija (19:30hrs-20:00hrs), mir-residenza bl-isem ta' Elgin Court, Sqaq is-Sigra, San Giljan, ikkommetta serq ta' ittri minn

gewwa diversi kaxxi tal-posta li l-ammont ma jistax jigi stabbilit u dan b'detriment lil Norma Camilleri u Marcelline Sullivan liema serq hu aggravat bil-mezz, lok u hin. ***Art. 261(b)(e)(f), 263(a) 264(1) 269(g), 270, 278(2)(3), 281 tal- Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

***2.*** U nakkużah talli nhar id-disgha (9) t'April tas-sena 2020 bejn id-disgha ta; filghodu (09:00hrs) u nofsinhar (12:00hrs) mill fond numru 82, Triq San Luqa, Gwardamangia, ikkommetta serq ta' kartiera li l-ammont m'huwiex iktar minn mitejn ewro (€200) u dan b'detriment lil Kenneth William Donaldson liema serq hu aggravat bil-lok; ***Art.261(e),269(g), tal- Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

***3.*** U nakkużah ukoll bil-ħsieb li jagħmel delitt, ċioe` talli dolożament, bil-ħsieb li jiffroda, u wera dan il-ħsieb b`atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u cioe' talli nhar id-disgha (9) t'April tas-sena 2020 bejn il-hdax ta' filghodu (11:00hrs) u s-siegha ta' waranofsinhar (13:00hrs) f'diversi postijiet fil-gzejjer Maltin, bl-attentat biex b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jaghmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera' ħaġa b'oħra sabiex ġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqal tama' jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, ipprova jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor ta' l-ammont ta' elfejn ewro (€2000) minn kontijiet bankarji u dan b'detriment lil Bank of Valletta PLC u lill-Kenneth William Donaldson; ***Art. 41, 308. 309, 310(b) tal- Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta***

4. Xjentement laqa għandhu jew xtrara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta; ***(Art. 334 (a), (b) Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta)***

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija min barra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex jhallas l-ispejjez li ghandom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-11 ta` April 2020 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bir-rit sommarju;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 31, 41, 261(B)(E)(F), 263(A), 264(1), 269(G), 270, 278(2)(3), 281, 308, 309, 310(B), 334(A(B) U 533 TAL-KAP.9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA,** issib lill-imputat **Christian Cuccu**, fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-paragrafi (1), (2) u (3), u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` l-imputazzjoni fil-paragrafu (4), dik li titratta r-ricettazzjoni u li inghatat bhala imputazzjoni alternattiva ghas-serq, tikkundannah ghall-piena ta` sentejn (2) prigunerija sospizi ghall-perjodu ta` tlett snin millum ai termini ta` l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur